# TLIET BILJUN SIĠRA ADDIZZJONALI SAL-2030



#3BillionTrees

NIKBRU FLIMKIEN

L-Unjoni Ewropea għandha pjan li tħawwel **3 biljun siġra addizzjonali sal-2030**. Dan huwa parti mill-isforzi usa' biex insaħħu l-foresti tal-UE u nindirizzaw it-tibdil fil-klima. Il-Wegħda ta' 3 Biljun Siġra hija inizjattiva mifruxa fl-UE kollha.

Minbarra li hija tajba għall-klima, din tgħin biex ittejjeb is-saħħa tal-**foresti**, issaħħaħ iż-**żoni rurali**, u tikkontribwixxi għall-ekoloġizzazzjoni **urbana**. Din tinkludi pjan direzzjonali biex jiġi żgurat li l-isforzi kollha għat-tħawwil tas-siġar ikollhom impatti pożittivi fuq il-klima, l-ambjent, il-bliet, u fuq is-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini kollha tal-UE.

## **BENEFIĊĊJI** GĦAL KULĦADD

### IĠĠIELED IT-TIBDIL FIL-KLIMA

3 biljun siġra li jkopru **2 miljun** ettaru jistgħu jassorbu sa **4 miljun tunnellata ta' $CO_2$** mill-atmosfera diġà **sal-2030**, u sa **15-il miljun tunnellata sal-2050**.

### IS-SAĦĦA U L-BENESSERI

Is-siġar jiffiltraw l-**arja li nieħdu** u huma essenzjali għall-benesseri tagħna: li nqattgħu xi ħin madwarhom inaqqas l-istress, inaqqas il-pressjoni tad-demm u jtejjeb il-burdata tagħna.

### IN-NATURA U L-BIJODIVERSITÀ

Il-foresti jinkorporaw madwar **80% tal-bijodiversità tad-dinja** fuq l-art. Dawn jipprovdu wkoll servizzi importanti tal-ekosistemi bħal kontroll tal-għargħar, rikreazzjoni, u ilma nadif.

## AĦNA NAĦDMU **FLIMKIEN!**

It-tħawwil ta' siġar ġodda ma huwiex se jsolvi l-kriżi tat-tibdil fil-klima u tal-bijodiversità waħdu, u ma huwiex alternattiva biex jiġu ppreservati s-siġar eżistenti. Minflok, dan it-tħawwil jikkomplementa l-isforzi akbar tal-UE biex tipproteġi s-siġar u l-foresti u ttejjeb il-kwalità u l-kwantità tagħhom, kif ukoll biex tirrestawra l-ambjent tagħna u tissalvagwardja n-natura tagħna.

**Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jistabbilixxi impenji u miri, imsaħħa mill-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, għall-protezzjoni u r-restawr tan-natura. Wieħed minn dawn l-impenji huwa l-wegħda li mill-anqas jitħawlu 3 biljun siġra addizzjonali fl-UE sal-2030.**

Din hija wkoll wegħda biex naħdmu flimkien bl-ispazji ekoloġiċi tagħna... u ngħinu nżidu r-rati ta' riproduzzjoni naturali tagħhom. Filwaqt li l-kwantità tas-siġar hija essenzjali, il-kwalità tat-tħawwil tgħodd ukoll.





# Aħna għandna bżonn is-siġar. Huma għandhom bżonna. Il-futur jinsab f'idejk!

SIR AF AKTAR **HAWNHEKK**!




Din il-wegħda għandha l-għan li tirdoppja r-rata tal-espansjoni tal-foresti fl-UE matul il-perjodu bejn l-2005 u l-2020, u twassal għat-tħawwil ta' **3 biljun siġra addizzjonali sal-2030**.

## KIF TISTA' TGĦODD IS-SIĠAR TIEGĦEK FIL-WEGĦDA?

**Faċli – l-ewwel ħawwel, imbagħad irreġistra.** L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent żviluppat pjattaforma ddedikata, bl-isem **Map My Tree**, biex tirreġistra u tgħodd is-siġar. Biex ikunu eliġibbli, is-siġar iridu jkunu tħawlu wara l-20 ta' Mejju 2020, meta ġiet adottata l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità. Dawn iridu jkunu siġar addizzjonali, u mhux parti minn tħawwil tas-soltu, u jridu jġibu benefiċċji għall-bijodiversità u għall-klima. Dan ifisser l-ebda speċi aljena invażiva. Iżda xi ftit jew wisq tista' tħawwel kwalunkwe siġra indiġena, sakemm tkun adatta għall-kundizzjonijiet klimatiċi, tal-ħamrija u tal-ilma previsti.

## MIN JIĊĊEKKJA LI JKUNU TħAWLU S-SIĠAR IT-TAJBA U LI DAWN JIBQGĦU ĦAJJIN?

Il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet skema ta' ppjanar u monitoraġġ fit-tul, biex tiżgura li s-siġar imħawla jikbru maż-żmien u jibqgħu ħajjin fi klima li tinbidel. Bħala faċilitatur tal-wegħda, il-Kummissjoni ma tiċċekkjax kull siġra mħawla, iżda timmonitorja l-progess ġenerali. Din tipprovdi wkoll appoġġ politiku u tekniku, u għodod ta' komunikazzjoni u tikkettar.

### TĦAWWIL TA' KWALITÀ

Tħawwil ekoloġiku tajjeb huwa vitali biex nilħqu l-mira tagħna, u jkopri **erba' kriterji ewlenin**:

- **Is-siġra** t-tajba
- **Il-post** it-tajjeb
- **Il-ħin** it-tajjeb u
- **L-għan** it-tajjeb

## MIN SE JĦAWWEL DAWN IS-SIĠAR?

**Kulħadd jista' jħawwel siġra.** Biex nilħqu din il-mira ambizzjuża, neħtieġu ċittadini Ewropej motivati biex iħawlu s-siġar u jkunu ċerti li dawn jikbru maż-żmien. Is-suċċess tal-wegħda se jiddependi minn inizjattivi fil-livell lokali – individwi, sidien tal-artijiet, assoċjazzjonijiet, kumpaniji, u korpi pubbliċi bħal villaġġi, bliet u reġjuni huma lkoll imħeġġa biex jieħdu sehem.

## KIF NISTA' NIRREĠISTRA S-SIĠAR LI NKUN ĦAWWILT?

Inti tista' tuża l-applikazzjoni fuq il-web Map My Tree biex tirrapporta s-siġar li tkun ħawwilt bħala parti mill-wegħda. Jekk inti organizzazzjoni involuta fit-tħawwil ta' siġar ġodda, tista' tibgħat ukoll email fuq ENV-3BILLIONTREES@ec.europa.eu biex tirrapporta s-siġar li diġà ħawwilt. L-individwi jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-wegħda billi jappoġġjaw lill-organizzazzjonijiet parteċipanti.


L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea



© L-Unjoni Ewropea, 2022
Il-politika dwar l-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija implimentata abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39). Sakemm ma jiġix innotat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat taħt il-liċenzja ta' Creative Commons Attribution 4.0 International (CC-BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess sakemm jingħata kreditu xieraq u tiġi indikata kwalunkwe bidla.
Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni tal-elementi li mhumiex il-proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun li jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet rispettivi.



PDF ISBN 978-92-76-52010-8 doi:10.2779/815 KH-06-22-191-MT-N